**Minuti tal-441 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn, 24 ta' Novembru, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius u s-Sinjura Anna Calleja.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa fis-6.40 ta' filgħaxija. Is-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa fis-6.45 ta' filgħaxija u Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.05 ta' filgħaxija.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius kien skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-440 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kif kienet ser tiġi s-sistema ta' *traffic management* ta' Triq Villabate u t-toroq tal-inħawi.

Is-Sindku qal li wara li kienu twaħħlu t-tabelli tal-*one way* fiż-żona ta' Triq Villabate, il-Kunsill kien irċieva bosta lmenti mir-residenti u għalhekk fuq approvazzjoni ta' Transport Malta uħud mit-tabelli reġgħu nqalgħu. Is-Sindku qal illi Transport Malta talbet sabiex jekk ser jiġi propost

xi tibdil, il-Kunsill jagħmel laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti tal-inħawi sabiex tiġi deċiża l-aħjar sistema ta' traffiku.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta biex isiru *traffic lights* fi Triq San Ġużepp ma' Triq Villabate. Is-Sindku qal illi l-Kunsill diġa għamel talba lil Tansport Malta biex dawn it-*traffic lights* isiru iżda din it-talba ma ġietx aċċettata.

Fis-6.40 ta' filgħaxija l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil daħlet għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi hemm bżonn terġa' tiġi rranġata t-triq quddiem ir-residenza 116 fi Triq il-Qaqoċċ peress illi l-art niżlet u hemm xi katusi tad-drenaġġ li niżlu.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix kienet waslet l-applikazzjoni għal servizz ġdid tal-ilma fil-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikazzjoni kienet qed tiġi proċessata.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienetx saret talba għall-installazzjoni ta' *speed camera* fi Triq Labour.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jsiru *road humps* jekk kemm il-darba l-applikazzjoni għal *speed cameras* ma tiġix aċċettata.

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Sway), il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lil Transport Malta għal *speed camera* fi Triq il-Labour.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa f'hix wasal il-proċess dwar it-tneħħija tal-*bus stop* minn Triq is-Santwarju.

Is-Sindku qal illi d-deċiżjoni sabiex jitneħħa l-*bus stop* minn Triq is-Santwarju kienet ser tittieħed wara li ssir ir-riforma tal-karozzi tal-linja u jiġi ntrodott is-servizz mill-operatur il-ġdid.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Agius qal li l-ilmenti li kien ressaq quddiem il-Kunsill kienu għadhom ma ġewx indirizzati partikularment l-ilmenti relatati ma' nies bi bżonnijiet speċjali.

Is-Sindku qal li ħafna mill-ilmenti mitluba mis-Sur Joseph Agius kienu lmenti li jinvolvu xogħol ta' natura kapitali li jirrekjedu permessi minn entitajiet joħra. Is-Sindku qal li dawn l-ilmenti ser jiġu ndirizzati flimkien ma' lmenti oħra fi żmien qasir.

Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irċieva lmenti dwar il-ħtieġa ta' tindif fi Triq il-Ħawt peress illi kien hemm skart goff kif ukoll skart ieħor li jrid jitnaddaf. Is-Sur Agius qal ukoll illi hemm siġra tal-bajtar li kienet ta' periklu għall-pubbliku.

Is-Sur John J Pace semma l-bżonn li jsir *refresh* tar-*reserved parking* li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja.

Is-Sindku qal illi f'laqgħa tal-Kunsill preċedenti kien ġie deċiż li l-Kunsill jirranġa globi mkissra li hemm quddiem il-kappella Ċentru Santa Marija fi Triq Santa Marija kif ukoll li jsiru *double yellow lines* quddiem il-kappella peress li triq hi pjuttost dejqa. Is-Sindku talab li dawn l-ilmenti jiġu ndirizzati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-globi mkissra li hemm quddiem il-kappella Ċentru Santa Marija kienu ġew irranġati u l-probabbilità kienet li l-globi reġgħu tkissru.

Is-Sindku qal illi bl-ingaġġ tal-Uffiċjal Eżekuttiv ħafna mill-ilmenti li għandu l-Kunsill kellhom jiġu ndirizzati aħjar.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jitlob sabiex jiġu assenjati żewġ ħaddiema klerikali kif ukoll żewġ persuni oħra biex jaħdmu taħt il-proġett LEAP.

Is-Sindku qal illi kien għadu qed jinsisti mal-kumpanija IPSL sabiex il-Kunsill jingħata iktar ħaddiema.

Is-Sur Joseph Vella qal illi l-Kunsill jista' wkoll jimpjega ħaddiema taħt il-proġett RICE.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu ġew assenjati wkoll żewġ priġunieri mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li qed jagħmlu xogħol volontarju fil-komunità ta' Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Joseph Agius staqsa għaliex il-ħaddiem assenjat tal-IPSL ma kienx qed iwassal iż-żewġ priġunieri mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Is-Sindku qal illi kien talab lis-Sur Grazio Gerada, l-ħaddiem tal-IPSL assenjat mal-Kunsill, sabiex iwassal liż-żewġ priġunieri iżda s-Sur Gerada rrifjuta li jagħmel dan peress illi l-kumpanija IPSL kienet infurmatu li ma kienx obbligat iwassal lill-priġunieri.

Fis-7.05 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsta f'hix waslu id-diskussjonijiet dwar il-lift peress illi kien għadu bil-ħsara. Is-Sindku qal li kien ipprova jagħmel kuntatt ma' kumpaniji li jsewwu l-*lifts* iżda s'issa ma nstab ħadd li lest jaħdem wara l-kumpanija li nstallat il-lift.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ħsara teknika fil-*card* tal-bieba fil-*lift* u biex tiġi rranġata ser tiswa lill-Kunsill madwar €1,000. Sadanittant il-Kunsill żamm ir-*retention fee* dovuta lill-kumpanija Central Trading Co Limited.

Is-Sindku talab is-sospensjoni tal-agenda sabiex jiġi diskuss *Item* 8 tal-agenda. Is-Sur Buttigieg issekonda lis-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jiddiskuti dan l-*item*.

<u>Item 8- Villaġġ tal-Milied f'Ħaż-Żabbar</u>

Is-Sindku qal illi kien avviċinat minn diversi residenti sabiex tittella' attivita` tal-Milied u għalhekk kien qed jipproponi illi jsir *Christmas Village* mid-19 ta' Diċembru, 2014 sal 21 ta' Diċembru 2014. Is-Sindku qal illi kienet inxtrat siġra tal-Milied tad-daqs 15–il pied li tiswa €975 u li kienet ser titqiegħed fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kellu l-ħsieb li jiġi armat *stage* sabiex jiġi organizzat kant u żfin matul l-attivita` kif ukoll tined biex fihom ikun hemm prodotti relatati mal-Milied.

Is-Sindku qal illi għal din l-attività l-Kunsill kien ser jidħol għall-ispejjeż tas-*set up* tal-attivita` u li fil-laqgħa li jmiss kien ser jippreżenta lista tal-ispejjeż. Is-Sindku issuġġerixxa li fejn hu possibbli l-Kunsill jixtri l-affarijiet minflok jikri sabiex jibdew jintużaw minn sena għall-oħra matul l-attivitajiet tal-Kunsill.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet tkun taf min kien ser jieħu ħsieb l-attivitajiet li kienu ser jittellgħu fuq l-i*stage*. Is-Sindku ippropona li jitqabbad *event co-ordinator* sabiex jieħu ħsieb l-attivitajiet. Is-Sur Vella ssekonda l-proposta u kulħadd qabel.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-Kunsill javviċina l-kap tal-Iskola Primarja B ta' Ħaż-Żabbar sabiex tittella *play* tal-Milied mill-istudenti matul din l-attivita`.

Is-Sindku qal illi kienu ser jitqassmu *flyers* fid-djar u fil-lukandi kif ukoll jitwaħħlu *banners* u jsir reklamar tal-attivita` ma' *billboards.*

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jtella` l-attivita` ta' Villaġġ tal-Milied f'Ħaż-Żabbar.

<u>Item 4 - Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gordon Caruana minn Radju Ħompesch fejn informa l-Kunsill illi s-Sinjura Maria Camilleri kienet aċċettat li tippreżenta l-program Kunsill Lokali *Live.* Is-Sur Caruana talab sabiex ikollu d-dettalji dwar is-suġġett tal-programm minn ġimgħa qabel.

Is-Sindku talab sabiex is-suġġett li jiġi diskuss ikun relatat mas-Sotto-kumitat tal-Kunsillier li jkun ser jattendi għall-programm.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li għall-ewwel programm li ser isir fid-9 ta' Diċembru jattendi għalih is-Sindku sabiex fost affarijiet oħra tingħata promozzjoni għall-attivita` *Christmas Village.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill lill-Onorevoli Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Kunsilli Lokali sabiex issir laqgħa mal-membri tal-Kunsill.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Christian Salerno mill-GAL Xlokk sabiex jiġi appuntat rappreżentant ġdid fil-GAL Xlokk. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku jinħatar bħala rappreżentant fil-GAL Xlokk.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Ray Abela, Direttur tal-kumpanija TCTC dwar il-korsijiet I-KIDS u LEARN-IT li ser isiru f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Abela talab sabiex l-applikazzjonijiet jiġu aċċettati mill-impjegati tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza dawn il-korsijiet tal-kompjuter.

Inqrat stedina mibgħuta mis-Sur Paul Gatt għall-konferenza annwali ta' ANSEK li ser tkun organizzata nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru, 2014 kif ukoll stedina għall-konferenza Internazzjonali ta' UDITE li ser issir f'Antwerp bejn l-4 u 6 ta' Diċembru, 2014.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali Pembroke fejn il-Kunsilli ġew imħeġġa jipprovdu xelters għall-qtates bħala protezzjoni mill l-elementi. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, l-Kunsill qabel unanimament li jsib post addatat għal dawn ix-xelters f' Ħaż-Żabbar.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet illi l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ ma kienux ser jibbenefikaw għall-fondi tal-proġett propost mill-Kunsill taż-Żgħażagħ u għalhekk il-Kunsill taż-Żgħażagħ kien ser jipprova jġib fondi minn sorsi oħra.

Is-Sinjorina Katrin Busuttil offriet l-għajnuna tagħha u tal-Kunsill taż-Żgħażagħ sabiex jgħinu fil-ġbir ta' fondi għall-Istrina matul il-ġranet tal-*Christmas Village.*

Fit-8.30 ta' filgħaxija l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil talbet li tkun skużata.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar għal kunċert mużikali fl-okkażjoni tal-ewwel tas-sena. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-kunċert mużikali flimkien mal-għaqda liema spiża m'għandhiex teċċedi l-ammont ta' €1,163.

Dwar il-kunċert imtella' mis-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar għall-kunċert annwali tal-Milied li ser isir nhar it-Tnejn 22 ta' Diċembru, 2014 fit-Teatru Notre Dame f'Ħaż-Żabbar, il-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, qabel unanimament li jorganizza l-kunċert mużikali flimkien mas-società.

Is-Sur John J Pace talab li l-Kunsill ikun imsemmi bi prominenza fuq l-invit tal-kunċerti mużikali li ser jintbgħatu mis-Soċjetajiet lokali.

Inqraw il-minuti tas-Sotto-kumitat Familja, Tfal u l-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Dawn ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Agius (Sway) li ġew issekondati mis-Sur Joseph Agius.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet l-għajnuna tas-Sur Joseph Vella sabiex jinfurmha meta jinħarġu l-applikazzjonijiet għall-fondi ewropej.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto li talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex iġġedded 85.75 siegħa mill-*entitlement* ta' *vacation leave* għas-sena 2014 u dawn jiġu akkumulati mal-*vacation leave* tagħha għas-sena 2015 peress li minħabba esiġenzi ta' xogħol ma kienx possibli għaliha tagħmel użu sħiħ mis-siegħat ta' *vacation leave*. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jilqa' t-talba tal-impjegata.

<u>Item 5 – Skeda ta' Pagamenti</u>

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mil-21 t' Ottubru 2014 sal-24 ta' Novembru, 2014 li kien jammonta għal €27,496.32.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ottubru 2014 li kien jammonta għal €114.54.

Item 6 - Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Settembru 2014. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici.

Item 7 - Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mil-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina Claire Marie Axiaq hija l-aktar kandidata addattata għal din il-kariga. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġie ssekondat mis-Sur Joseph Agius (Sway) il-Kunsill qabel unanimament li tiġi mpjegata is-Sinjorina Claire Marie Axiaq mal-Kunsill bħala Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13).

Item 9 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sinjura Therese Piscopo mill-*Primary Health Care* ġiet diskussa l-possibilita` li ssir manutenzjoni tal-Berġa f'Ħaż-Żabbar biex wara tiġi devoluta lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament mal-kunċent li devoluzzjoni tal-Berġa ta' Ħaż-Żabbar tgħaddi fir-responsabbiltà tal-Kunsill.

Is-Sindku qal illi kien tkellem mas-Soċietà Filarmonica Maria Mater Gratiæ fejn talbu sabiex l-attivita` ta' *Car Show* issir parti mill-attivita` *The Malta International Food Festival.* Is-Sur Vella ssekonda lis-Sindku u kulħadd qabel.

Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li kellu mal-GAL Xlokk sabiex jitwaqqfu l-proġetti ta' *resurfacing* ta' Triq Ħas-Sajjied kif ukoll il-proġett ta' kostruzzjoni ta' *underground bring in site*. Is-Sindku ppropona li l-GAL jiġi nfurmat formalment bid-deċiżtal-Kunsill li jwaqqaf dawn iż-żewġ proġetti.

Is-Sindku qal illi waqt il-laqgħa li kellu mal-GAL Xlokk ġiet diskussa illi f'Marzu, 2015 kienu ser jitqassmu b'madwar €8, 000 fi fjuri għal-lokalita`.

Is-Sindku qal illi l-ħames kompjuters tal-Kunsill kienu nxtraw biex l-impjegati issa għandhom kompjuter ġdid.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza ikla tal-Milied għall-membri tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius (Sway) talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-Transport Malta biex isir *bus stop* temporanju fi Triq Villabate.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata l-art fi Triq il-Karmnu bejn ir-residenzi numru 11 u 15.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isiru *double yellow line* quddiem ir-residenza 67 fi Triq Bajada peress illi minħabba li m'hemmx bankina meta jipparkjaw il-vetturi qed jostakolaw l-entratura tar-residenza.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq ir-Redentur ma' Triq Bajada kif ukoll sabiex tinbidel il-mera li hemm fil-kantuniera tal-istess triq.

Is-Sur Buttigieg qal li waqt laqgħa li kellu mas-Surmast ta' Skola Primarja B ġie mitlub iressaq quddiem il-Kunsill talba għall-għajnuna għal-xiri ta' kotba għal-librerija tal-iskola kif ukoll kotba għall-*prize day*. Is-Sur Buttigieg ippropona li l-Kunsill jixtri l-kotba tal-*prize day* tal-iskola primarja kif ukoll kotba għal-librerija tal-iskejjel Primarji ta'Ħaż-Żabbar, liema spiża m'għandhiex taqbeż il-€200. Is-Sur Vella ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex jinxtraw vireg li bihom ikun jista' jsir it-tindif tal-*culverts*.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien irċieva bosta lmenti dwar il-latrini peress illi kien qed ikunu ta' spiss maħmuġin u ma kienux qed jinfetħu fil-ħin.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-16 ta' Diċembru kien ser jorganizza *Christmas Lunch Buffet* għall-anzjani.

Is-Sur Mark Grech qal li l-kumpanija Central Asphalt baqa` ma rranġax ix-xogħol ta' *patching* li sar fi Triq l-Iskola.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament sabiex jitalab il-permess tal-parroċċa sabiex jiġu ppubblikati l-istejjer ta' William Axiaq li kienu dehru f'Leħen is-Santwarju.

Is-Sur Mark Grech staqsa f'hix kien wasal il-proċess sabiex jiġu mqabbda l-bozoz il-ġodda li kienu twaħħlu mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikazzjonijiet sabiex jiġu mqabbda l-bozoz ġodda kienu ser isiru fil-jiem li ġejjin.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex titwaħħal tabella fi Triq iċ-Ċimiterju li tindika Triq l-Għadiba u Triq il-Kaħwiela.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex fil-*website* tal-Kunsill issir *link* għall-*websites* tal-għaqdiet tal-lokal.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex il-Kunsill jingħata minn Transport Malta kopja tal-permess tar-*reserved parking* li hemm fi Triq Santa Marija.

Is-Sur Grech talab li ssir spezzjoni minn uffiċjali tal-ELC sabiex tinqala' siġra li hemm fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti peress illi kien irċieva lment li l-għeruq tas-siġra daħlu f'ġibja privata. Is-Sur Grech qal illi s-siġra m'hix protetta.

Is-Sur Joseph Bonnici talab li jintbgħatu ittri lis-sidien tal-ħwienet tal-*Housing Estate* peress illi kienu qed joħorġu l-iskart tagħhom maġenb il-*bring in sites*.

Is-Sur Joseph Bonnici semma l-possibiltà li ssir kompetizzjoni tal-kartolini tal-Milied għall-iskejjel. Is-Sindku qal li ma kienx hemm biżżejjed żmien sabiex tiġi organizzata din il-kompetizzjoni.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekonda mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attivita` għall-persuni bi bżonnijiet speċjali għal-okkażjoni tal-Milied.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isiru *pelican lights* fi Triq tal-Labour ma' Triq il-Vittorja.

Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jiġu rranġati l-bankini fi Triq Strickland kif ukoll sabiex jiġu rranġati żewġ ħofor li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Misraħ San Ġakbu.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq Bajada peress illi qed iżomm ħafna ilma tax-xita.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġi estiż il-*culvert* tal-ilma tax-xita peress illi qed jidħol l-ilma fir-residenzi fi Triq Wied il-Għajn ma' Triq il-Ħawt.9

Is-Sur Joseph Vella talab li jiġu rranġati żewġ ħofor perikolużi li hemm fi Triq Wied il-Għajn.

Is-Sur John J Pace talab sabiex jissewwa l-*lift* tal-Kunsill peress illi kien ilu bil-ħsara.

Is-Sur John J Pace qal illi fil-21 ta' Diċembru li ġej kienet ser tiġi organizzata l-attività Merħba lix-Xitwa fis-Sala tal-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.4 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-442 laqgħa li saret nhar 23, ta' Diċembru, 2014.

Marc Vella Bonnici

Sindku